MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru. 1374/2007

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Massimo Caruso ta` 34 sena, ta` nazzjonalita` Taljana, bin Antonio u Vera nee` Spada, imwieled Siracusa nhar l-14 ta' Jannar 1973, residenti f'Malta 26, Triq il-Mithna Zurrieq u/jew 'Solaris', Flt 1, Triq iz-Zurrieq, Hal Safi u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 22119(A)

Talli;

1. Nhar l-1 ta’ Ottubru 2007, f`xi hin matul il-gurnata, f’Marsaxlokk, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u diversi oggetti ohra minn residenza numru 7, Triq Marsaxlokk, Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta` Vincent Tabone;

2. Talli nhar it-3 ta’ Ottubru 2007, f`xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta` diversi apparat elettronici fosthom computer u photographic cameras minn residenza numru 98, Triq il-Giebja Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Taina Hirvensalo;

3. Talli nhar it-3 ta’ Ottubru 2007, f’xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta’ diversi gojjelli u somma flus kontanti minn residenza numru 20, Triq Habb il-Qamh Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ David Pace;

4. Talli nhar il-5 ta' Ottubru 2007, f'xi hin matul il-gurnata, f'Had Dingli, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli, somma flus kontanti u oggetti ohra minn residenza numru 10, Josalis, Triq Ganni Mari' Abela Dingli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Azzopardi;

5. Talli nhar is-7 ta' Ottubru 2007, f'xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi(Ibragg), ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u oggetti ohra minn residenza numru 17, 'Dearborn', Triq il-Qawsalla Swieqi (Ibragg), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Bezzina.

6. Talli nhar l-14 ta' Ottubru 2007 , f'xi hin matul il-gurnata, f'H'attard, ikkommetta serq ta; diversi gojjelli u somma flus kontanti minn residenza 'Villa Aljorica', Triq is-Sieqja Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Alfred Micallef.

7. Talli nhar l-14 ta' Ottubru 2007, f'xi hin matul il-gurnata, f' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli, somma flus kontanti u oggetti ohra minn residenza numru 'Il-Gifen', Triq il-Bahar l-Iswed San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm

1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ John Borda;

8. Talli nhar is-16 ta’ Ottubru 2007, f’xi hin matul il-gurnata, f’Marsaxlokk, ikkommetta serq ta’ diversi gojjelli u oggetti ohra minn residenza numru 20, Triq il-Maqdes ta’ Gunu Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin ( Lm100) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm 1000) (il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) ) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghorxin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Raymond Zammit;

9. Talli f’xi hin bejn it-13 u is-17 ta’ Ottubru 2007, F’H’Attard, ikkommetta serq ta’ diversi gojjelli minn residenza numru 32, Triq Birkirkara Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Nicolina Borg;

10. Talli nhar id-19 ta’ Ottubru 2007, f’xi hin matul il-gurnata, f’H’Attard, Ikkommetta serq ta’ diversi gojjelli u oggetti ohra min residenza ‘Gardjola’, Triq Frans Dingli Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm 1000) (Il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ George Cini;

11. Talli nhar l-20 ta' Ottubru 2007, f'xi hin matul il-gurnata, f'H'Attard, ikkommetta serq ta' diversi apparat elletronici fosthom computer u camera fotografika minn residenza ' Villa Ciantar', Triq is-Sienja Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin(Lm 1000) ( il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro(€2329) u li sar ghad-detriment ta' Anthonny Ciantar;

12. Talli f'xi hin bejn il-21 u t-22 ta' Settembru 2000, f'Hal Ghaxaq, ikkommetta serq ta' diversi gejjelli minn residenza 'Sunflower',Dawret Hal Ghaxaq Hal Ghaxaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok,hin u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Anthony Pace;

13. Talli nhar it-23 ta' Mejju 2000, f'xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u somma flus kontanti minn residenza numru 17, 'It-Terrazza', Triq il-Markiz J. Scicluna, Madliena, Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Said.

14. U aktar talli fl-istess zminijiet imsemmija fl-akkuzi precedentim lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa ,mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

15. U aktar talli fl-istess zminijiet, dati, hin, lok u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fid-diversi residenzi hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri il-hamsin lira (LM50) izda inqas minn hames mitt lira(LM500) (il-mija u sittax il-ewro(€116) izda inqas minn elf u mija u tnejn u sittin ewro (€1162) Komplessivament;

16. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai' termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fix-xahar ta’ Ottubru, 2007, gewwa diversi lokalitajiet f’Malta, gew rappurtati numru konsiderevoli ta’ serqiet minn residenzi privati, bl-akbar numru ta’ serqiet isehhu f’ H’Attard u s-Swieqi. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija fuq dawn is-serqiet, gie individwat suspettat, certu Carmelo Innorcia, persuna ta’ nazzjonalita’ taljana, li kien sussegwentement tressaq fuq dawk is-serqiet u fuq xi serqiet ohra li kienu sehhu snin qabel. Innorcia kien ammetta l-akkuzi, u kien inghata l-piena ta’ sitt snin habs. Qal ukoll li flimkien mieghu ghal dawk is-serqiet kien hemm persuna ohra, Massimo Caruso, l-imputat odjern, li kien implikat u komplici mieghu f’dak is-serq. Ghalhekk il-Pulizija kienet baghtet ghal Caruso u ressqitu fuq akkuzi simili hafna ghal ta’ Innorcia. Inkluz ma’ dawk l-akkuzi kien hemm serqiet ohra minn residenzi privati li kienu sehhew diversi snin qabel, hekk kif hu indikat fic-citazzjoni mertu ta’ din il-kawza. Caruso kien wiegeb li mhux hati, u ghalhekk il-Qorti bdiet tisma’ l-provi.

Il-Pulizija tellghet hafna xhieda f’dan il-process, minhabba l-fatt li hawnhekk si tratta ta’ serq aggravat minn xejn inqas minn tlittax-il residenza privata. Gew prodotti s-sidien rispettivi ta’ kull residenza, sabiex jikkonfermaw ir-raport li kienu ghamlu dak iz-zmien u biex jikkonfermaw il-valur tal-oggetti misruqa mill-proprjeta’ taghhom. Ta’ min jirrileva li hadd mis-sidien ma kellu suspett f’xi hadd, u l-ebda xhud ma identifika lill-halliel. Ghalhekk, fil-verita’, ghalkemm ix-xiehda taghhom kienet necessarja ghall-kompletezza tal-process, ghall-finijiet ta’ sejbien ta’ htija o meno kienet irrelevanti.

L-aktar xhud importanti f'dan il-process kollu kien Carmelo Innorcia, il-persuna li kienet ammettiet a tempo vergine li kienet wettqet is-serqiet imsemmija, u li kienet implikat ukoll lil Caruso fl-istess serqiet. Fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti, Innorcia jispjega li Caruso kien komplici mieghu fis-serqiet li kien wettaq, izda meta gie biex jikkonferma dik l-istqarrija quddiem din il-Qorti, huwa biddel il-verzjoni kompletament u qal li Caruso ma kellux x'jaqsam ma dawn id-delitti. Hu qal li kien implika lil Caruso ghax ried ipattihielu ghal xi argument li kien kellhom fil-passat, u b'hekk kien akkuzah mal-Pulizija.

Din il-bidla fil-verzjoni moghtija minn Innorcia dahhlet dubju f'mohh il-Qorti, kif aktarx kien il-hsieb warajha din il-mossa. Il-kredibilita' ta' dan ix-xhud hi ghal kollox karenti, sew meta jsemmi lill-imputat bhala komplici tieghu, u sew meta jiskagunah fix-xiehda tieghu. Ghalhekk il-Qorti ser ikollha tiskarta d-dikjarazzjonijiet ta' Innorcia, u tibbaza ruhha biss fuq fatti ppruvati u fuq provi ohra indizzjarji li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija jew le.

Ghalhekk, minn esami akkurat tal-provi prodotti f'din l-kawza, huma biss zewg serqiet li l-imputat kellu x'jaqsam maghhom. Fis-serqa indikata fit-tnax-il akkuza u f'dik indikata fit-tlittax-il akkuza, fost provi ohra gew prodotti l-proces verbal ghal kull serqa (fol. 36 u 872 rispettivament). Minn dan jirrisulta li l-malvivent halla impronti digitali warajh fuq ix-xena tad-delitt, u minn esami komparattiv li sar bejn dawk l-impronti u l-impronti ta'

Caruso, hemm qbil bejniethom. Din il-prova wehidha ghalhekk tqieghed lill-imputat fix-xena tad-delitt f’dawn iz-zewg istanzi, u ma giet prodotta ebda prova kuntrarja ghal din, u l-anqas ma inghatat xi spjegazzjoni mid-difiza ghall-presenza tal-impronti digitali tal-imputat f’dawn iz-zewg residenzi. L-unika konkluzjoni logika li tista’ tasal ghaliha l-Qorti hi li Caruso dahal zgur f’dawn iz-zewg residenzi u kkommetta serq fiz-zewg okkazjonijiet. Ghalhekk ser jinstab hati tat-tnax u tat-tlittax-il imputazzjoni.

Kwantu ghall-imputazzjoni generali ta’ hsara volontarja, din hija applikabbli bhala mezz ghall-fini tar-reat ta’ serq, u kwantu biss ghal dawn iz-zewg serqiet gia’ imsemmija. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, din irrisultat ampjament ippruvata, u ghalhekk zgur li l-Qorti mhix ser tikkunsidra piena qrib tal-minimu f’din il-kawza. Il-parametri tal-piena huma fil-fatt bejn tlittax-il xahar prigunerija u seba’ snin prigunerija, ghal kull wahda mis-serqiet li qed jinstab hati taghhom. Bl-addebitu tar-recidiva, u bl-applikazzjoni tal-konkors ta’ reati, il-piena tvarja bejn sentejn u tnax-il sena prigunerija ghal serqa wahda, li toghla b’terz ghal erba’ snin ohra. Hija ghalhekk il-fehma ta’ din il-Qorti li piena ta’ sitt snin prigunerija hija ben fil-parametri u hija gusta f’dawn ic-cirkostanzi, in vista wkoll tat-trapass taz-zmien konsiderevoli biex intemmet il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-Artikoli 263, 267, 269, 18, 278(3), 279(b),18, 280(2)18, 279(a),18, 286,18, 334,18, 325(b)18, 533, 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda issib lill-istess imputat Massimo Caruso hati skond l-akkuzi indikati bhala numru 12, 13, 15 u 16 u ghaldaqstant qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija.

Tastjeni millli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru 14, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq.

In oltre din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-kumplament ta' l-akkuzi l-ohra, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT`**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------